MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT

## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta ta' l-10 ta' Lulju, 2014

Numru 1211/2013

**SPETTUR JAMES GRECH**

**VS**

**GLENN DEBATTISTA**

**OMMISSIS**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

**Glen Debattista** ta' 52 sena bin Francis u Carmelina nee' Gatt, imwieled Pieta' fil-25/08/1959, residenti 369, Triq il-Kbira San Guzepp, Sta. Venera u detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 565359M;

U

**OMMISSIS**

Talli;

Nhar is-26 ta' Settembru 2011 ghal habta ta' 00.05hrs gewwa Triq il-Kanun, Santa Venera;

1. ikkommetta serq ta' flus kontanti ta' ammont li jeccedi € 232.94 izda mhux iktar minn € 2329.37, minn Skan Service Station, liema serq huwa kkwalifikat bil-Vjolenza, bil-Mezz, bil-Valur u bil-Hin ghad-detriment ta' Saviour Cutajar u / jew persuni ohra;

2. u aktar talli fl-istess zmien u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema ammont ta' hsara ma jiskorrix € 1,164.69 imma huwa izjed minn € 116.47 ghad-dannu ta' Saviour Cutajar u / jew persuni ohra;

Nhar is-06 t' Ottubru 2011 ghal habta tas-0050hrs gewwa Triq il-Mosta, San Pawl il-Bahar,

3. ikkommetta serq ta' flus kontanti ta' ammont li jeccedi € 2329.37, minn Dad's Service Station, liema serq huwa kkwalifikat bil-Vjolenza, bil-Mezz, bil-Valur li jeccedi € 2329.37 u bil-Hin ghad-detriment ta' Colin Sant u / jew persuni ohra;

4. u aktar talli fl-istess zmien u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema ammont ta' hsara ma jiskorrix € 1,164.69 imma huwa izjed minn € 116.47 ghad-dannu ta' Colin Sant u / jew persuni ohra;

Nhar l-10 t' Ottubru 2011 ghal habta ta' 0010hrs gewwa Triq is-Salib tal-Marsa, Marsa,

5. ikkommetta serq ta' flus kontanti ta' ammont li jeccedi € 2329.37, minn Paul & Rocco Petrol Station, liema serq huwa kkwalifikat bil-Vjolenza, bil-Mezz, bil-Valur li jeccedi € 2329.37 u bil-Hin ghad-detriment ta' George Buhagiar u / jew persuni ohra;

6. u aktar talli fl-istess zmien u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema

ammont ta’ hsara ma jiskorrix € 1,164.69 imma huwa izjed minn € 116.47 ghad-dannu ta’ George Buhagiar u / jew persuni ohra;

Fil-lejl ta’ bejn is-16 u s-17 t’ Ottubru 2011

7. gewwa ix-Xatt Tas-Sliema, ikkommetta serq ta’ vettura ta’ l-ghamla Mazda 323 bin-numru ta’ registrazzjoni AAC361 liema serq huwa kkwalifikat bil-Vjolenza, bil-Mezz, bil-Valur li jeccedi € 232.94, bil-Hin u bix-Xorta tal-Haga Misruqa ghad-detriment ta’ Anthony Mifsud u / jew persuni ohra;

8. u aktar talli fl-istess lejl bejn is-0100hrs u s-0230hrs gewwa Triq in-Naxxar, Gharghur flimkien ma persuni ohra bil-hsieb li jaghmlu delitt ta’ serq minn gewwa VC Service Station, urew dan il-hsieb b’atti esterni u taw bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta taghhom, liema serq, kieku sar kien ikun ikkwalifikat bil-Vjolenza, bil-Mezz, bil-Hin u bil-Valur li jeccedi l-ammont € 2329.37 ghad-detriment ta’ Keith Chetcuti u / jew persuni ohra;

9. u aktar talli fl-istess zmien u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema ammont ta’ hsara ma jiskorrix € 1,164.69 imma huwa izjed minn € 116.47 ghad-dannu ta’ Keith Chetcuti u / jew persuni ohra;

Nhar il-21 t’ Ottubru 2011 ghal habta tas-0130hrs gewwa Triq Birkirkara, San Giljan,

10. ikkommetta serq ta’ flus kontanti ta’ ammont li jeccedi € 232.94 izda mhux iktar minn € 2329.37, minn Joem Petrol Station, liema serq huwa kkwalifikat bil-Vjolenza, bil-Mezz, bil-Valur u bil-Hin ghad-detriment ta’ Manuel Falzon u / jew persuni ohra;

11. u aktar talli fl-istess zmien u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamelu hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema ammont ta’ hsara ma jiskorrix € 1,164.69 imma huwa izjed minn € 116.47 ghad-dannu ta’ Manuel Falzon u / jew persuni ohra;

Fil-lejl ta’ bejn it-28 u d-29 t’Ottubru 2011, gewwa Triq Santa Liberata, Kalkara,

12. ikkommetta serq ta’ vettura ta’ l-ghamla Ford Transit bin-numru ta’ registrazzjoni HBD302 liema serq huwa kkwalifikat bil-Vjolenza, bil-Mezz, bil-Valur li jeccedi € 2329.37, bil-Hin u bix-Xorta tal-Haga Misruqa ghad-detriment ta’ Raymond Anastasi;

Matul il-lejl ta’ bejn l-01 u it-02 ta’ Novembru 2011,

13. ikkommetta serq ta' zewg pjanci ta' registrazzjoni ta' vettura bin-numru FDL004 liema serq huwa kkwalifikat bil-Vjolenza, bil-Mezz, bil-Hin u bix-xorta tal-Haga Misruqa ghad-detriment ta' Sadem Ibrahim Al Hamid u / jew persuni ohra;

14. u aktar talli ghal habta tat-0350hrs gewwa Triq il-Wied, Birkirkara, ikkommetta serq ta' diversi ghodda ta' valur li jeccedi € 2329.37, minn hanut bl-isem 'Galdes and Mamo', liema serq huwa kkwalifikat bil-Vjolenza, bil-Mezz, bil-Valur li jeccedi € 2329.37 u bil-Hin ghad-detriment ta' Mario Saliba u / jew persuni ohra;

15. u aktar talli fl-istess zmien u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema ammont ta' hsara ma jiskorrix € 1,164.69 imma huwa izjed minn € 116.47 ghad-dannu ta' Mario Saliba u / jew persuni ohra

16. u aktar talli fl-istess lejl ghal habta ta' l-0430hrs gewwa Triq l-Imsida, Gzira, bil-hsieb li jaghmlu delitt ta' serq minn gewwa Paul and Rocco Petrol Station, urew dan il-hsieb b'atti esterni u taw bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tieghu, liema serq, kieku sar kien ikun ikkwalifikat bil-Vjolenza, bil-Mezz, bil-Hin u bil-Valur li jeccedi l-ammont € 2329.37 ghad-detriment ta' George Buhagiar u / jew persuni ohra;

17.u aktar talli fl-istess zmien u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharaq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema ammont ta’ hsara ma jiskorrix € 1,164.69 imma huwa izjed minn € 116.47 ghad-dannu ta’ George Buhagiar u / jew persuni ohra;

18.u aktar talli fl-istess zmien u cirkostanzi gewwa Wied is-Sewda, Hal Qormi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli billi harqu vettura ta’ l-ghamla Ford Transit bin-numru ta’ registrazzjoni HBD302, liema ammont ta’ hsara jiskorri € 1,164.69 ghad-dannu ta’ Raymond Anastasi,

19.u aktar talli b’hekk xjentement issoprima jew b’xi mod iehor qered jew biddel it-tracci jew l-indizji ta’ reat,

Fil-lejl ta’ bejn il-25 u s-26 ta’ Novembru 2011,

20. gewwa Triq Dr. Guze Miceli, Gzira, flimkien ma persuni ohra ikkommetta serq ta’ zewg pjanci ta’ registrazzjoni ta’ vettura bin-numru ABG906 liema serq huwa kkwalifikat bil-Vjolenza, bil-Mezz, bil-Hin u bix-xorta tal-Haga Misruqa ghad-detriment ta’ Justine Self,

21.u aktar talli fl-istess zmien u cirkostanzi ghamel uzu minn numru ta’ identifikazzjoni xort’ohra minn dak moghti mill-Pulizija jew mill-Awtorita dwar xi vettura bil-mutur partikolari;

Fil-lejl ta’ bejn l-10 u l-11 ta’ Novembru 2011,

22. flimkien ma persuni ohra gewwa Triq il-Ponta ta’ Dragut, Sliema, ikkommetta serq ta’ zewg pjanci ta’ registrazzjoni ta’ vettura bin-numru KAA253 liema serq huwa kkwalifikat bil-Vjolenza, bil-Mezz, bil-Hin u bix-xorta tal-Haga Misruqa ghad-detriment ta’ Paul Edgar Busuttil u / jew persuni ohra;

23. u aktar talli flimkien ma persuni ohra nhar il-11 ta’ Novembru 2011 bejn 0030hrs u s-0115hrs minn gewwa Paul & Rocco Petrol Station, Triq is-Salib tal-Marsa, Marsa bil-hsieb li jaghmlu delitt ta’ serq, urew dan il-hsieb b’atti esterni u taw bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta taghhom, liema serq, kieku sar kien ikun ikkwalifikat bil-Vjolenza, bil-Mezz, bil-Hin u bil-Valur li jeccedi l-ammont € 2329.37 ghad-detriment ta’ Paula Pace u / jew persuni ohra;

24. u aktar talli fl-istess zmien u cirkostanzi, volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema ammont ta’ hsara ma jiskorrix € 1,164.69 imma huwa izjed minn € 116.47 ghad-dannu ta’ Paula Pace u / jew persuni ohra;

25. u aktar talli flimkien ma persuni ohra, nhar il-11 ta’ Novembru 2011 bejn is-0145hrs u s-0200hrs gewwa Triq l-Imdina, Attard, ikkommettew serq ta’ *cash register* ta’ valur li jeccedi € 232.94, minn Michael Attard Petrol

Station, liema serq huwa kkwalifikat bil-Vjolenza, bil-Mezz, bil-Valur li jeccedi € 232.94 izda mhux iktar minn € 2329.37 u bil-Hin ghad-detriment ta’ Michael Attard u / jew persuni ohra;

26. u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema ammont ta’ hsara ma jiskorrix € 1,164.69 imma huwa izjed minn € 116.47 ghad-dannu ta’ Michael Attard u / jew persuni ohra;

27. u aktar talli flimkien ma persuni ohra nhar il-11 ta’ Novembru 2011 ghal habta tat-0320hrs minn gewwa Santa Marija Petrol Station, Triq il-Kbira Mellieha bil-hsieb li jaghmlu delitt ta’ serq, urew dan il-hsieb b’atti esterni u taw bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta taghhom, liema serq, kieku sar kien ikun ikkwalifikat bil-Vjolenza, bil-Mezz, bil-Hin u bil-Valur li jeccedi l-ammont € 2329.37 ghad-detriment ta’ Reuben Farrugia u / jew persuni ohra;

28. u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema ammont ta’ hsara ma jiskorrix € 1,164.69 imma huwa izjed minn € 116.47 ghad-dannu ta’ Reuben Farrugia u / jew persuni ohra;

29. talli nhar is-27 t’ Ottubru 2011 ghal habta tas-0120hrs gewwa Triq il-Mitjar, Luqa,

30. flimkien ma persuni ohra ikkommetta serq ta' flus kontanti ta' ammont li jeccedi € 232.94, minn Magri Petrol Station, liema serq huwa kkwalifikat bil-Vjolenza, bil-Mezz, bil-Valur li jeccedi € 232.94 izda mhux iktar minn € 2329.37 u bil-Hin ghad-detriment ta' Joseph Magri u / jew persuni ohra;

31. u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema ammont ta' hsara ma jiskorrix € 1,164.69 imma huwa izjed minn € 116.47 ghad-dannu ta' Joseph Magri u / jew persuni ohra;

32. u aktar talli b'diversi atti maghmulin minnu anki jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rezoluzzjoni wahda, kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta' provizorja imposta fuqu mill-Qorti tal-Magistrati preseduta mill-Magistrat Dr Michael Mallia LL.D fit-12/01/2009, b'dan li ma jikkommettiex delitt iehor ta' natura volontarja waqt li jkun mehlus mill-arrest u dan taht garanzija personali ta' € 50,000 fost kundizzjonijiet ohra kif ordnat li jaghmel mill-istess Qorti;

33. Il-Qorti hija gentilment mitluba titratta ma **Glen Debattista** bhala recidiv ta' diversi sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) liema sentenzi saru defenittivi u ma jistghux jigu mibdula u dan ai termini ta' Artikolu 49 ta' Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat illi l-imputat kien irregistra ammissjoni fi stadju bikri tal-gbir tal-provi, liema ammissjoni giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew l-ammissjoni tieghu;

Rat in-nota ta’ rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali datata 24 ta’ Jannar, 2014, li permezz taghha gew indikati l-Artikoli li tahthom kellu jghaddi in gudikat l-imputat;

Rat il-“pre-sentencing report” maghmul mill-Ufficjal tal-Probation datat 6 ta’ Marzu, 2014, imhejji fuq talba tad-difiza;

**Ikkunsidrat;**

Illi bl- ammissjoni tal- imputat din il- Qorti m’ ghandhiex ghazla hlief li ssibu hati tal- imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u tghaddi biex tikkonsidra l-piena adegwata. Illi skont l- istess imputazzjonijiet Glenn Debattista flimkien ma’ ohrajn tressaq sabiex iwiegeb ghal numru konsiderevoli ta’ reati kommessi fil-perijodu bejn Settembru u Novembru 2011, li jinkludi tentattivi ta’ serq, serq ta’ zewg vetturi, serq ta’ pjanci ta’ vetturi, serq ta’ ghodda, *cash register* u flus kontanti, izda aktar minn hekk gie akkuzat ukoll ta’ mhux anqas minn tmien serqiet minn pompi tal- petrol, flimkien ma’ hsara volontarja fuq l-istess pompi, liema serqiet huma kollha kwalifikati bil- vjolenza numerika, kif ukoll erbgha minnhom huma kwalifikati bil- valur li jeccedi l-€2,300. Ghalhekk il-piena applikabbli ghal serqa wahda biss minn dawn l- erbgha hija minimum ta’ tlettax- il xahar u massimu ta’ seba’ snin li minhabba fil- kwalifika tal- vjolenza kif ukoll minhabba kwalifiki ohra ma tistax tinghata fil- minimum taghha. Illi aktar minn hekk l- imputat huwa wkoll recidiv skont numru ta’ sentenzi kif indikati fil- fedina penali tieghu u minhabba f’ hekk il-piena skont l- Artikolu 18 tal- Kap 9 tista’ tghola addirittura bi grad jew tnejn. Ghalhekk il- piena minn tlettax- il xahar minimum titla’ jew ghal tmintax- il xahar jew sahansitra ghal sentejn. Tenut kont ghalhekk ta’ dawn ic- cirkostanzi, tal- gravita tar- reat tal- fedina penali tal- imputat kif ukoll tal- konkors ta’ reati u pieni kif ipprovdut fl- Artikolu 17(b), din il- Qorti hi tal- fehema li l- piena ghandha tkun wahda’ ta’ prigunerija effettiva.

Il-Qorti giet infurmata wkoll li l-imputazzjonijiet rigward il-ksur tal-helsien mill-arrest preventiv kienu gia’ gew trattati minn din il-Qorti diversament presjeduta fi proceduri ohra, u ghalhekk il-Qorti ma kellhiex ghalfejn tiehu aktar konjizzjoni taghhom.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 17, 18, 31, 49, 50, 289, 533, 261(a)(b)(c)(f), 276, 277(b), 279(a), 280(2), 325(1)(b), 41(1)(a), 325(1)(a), 111(2) u 579(2) tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta u Artikolu 15(1A) tal- Kap 65 tal- Ligijiet ta' Malta,

Din il- Qorti ssib lill- imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah ghall-piena ta' seba' (7) snin prigunerija.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------